# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 14 ta' April, 2025

Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 493/2025 ISB** fl-ismijiet :

**Carmelo Abela Marketing Limited (C22355)**

**vs**

**Abdulkader Hersi (KI 71155A)**

**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors preżentat mis-soċjeta' rikorrenti fl-24 ta' Marzu 2025 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, hija qed titlob lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat milli :

> *direttament jew indirettament personlament jew tramite terzi, jagħmel jew jippermetti li jsiru xi xogħlijiet konsistenti f' inter alia (i) żvilupp ta' taraġ u fetħa li tagħti għal fuq proprjeta esklussiva tas-soċjeta' esponenti u cioe it-triq privata magħrufa bħala 'Defranco Alley', b'aċċess minn Triq is-Sajjieda, il-Marsa; u (ii) li jħalli jew jippermetti li jitħallew xi oġġetti, makkinarju, u/jew vetturi inter alia li jingumbraw it-triq msemmija, liema triq ġiet akkwistata libera u franka, u dan kif jirriżulta mill-kuntratt t'akkwist fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Bisazza datat id-29 ta' Marzu 2017 (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok A**'). Minkejja illi l-intimat ġie interpellat sabiex ma*

*jagħmel ebda żvilupp li b'xi mod jew manjiera jilledi d-drittijiet tas-soċjeta' esponenti permezz tal-ittra legali datata d-19 ta' Frar 2024 (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok B**') u dan b'referenza għall-permess maħruġ mill-Awtorita' tal-Ippjanar bin-numru PA/06819/23 (kopja ta' liema hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok C**'), huwa xorta waħda proċeda b'xogħol ta' kostruzzjoni mingħajr il-permess tal-esponenti. Dan kollu jidher mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok D**' u '**Dok E**'. Mis-suespost għandu jirriżulta ċar li prima facie s-soċjeta' esponenti qed issofri u ser tkompli ssofri preġudizzju irrimedjabbli u għalhekk il-ħruġ tal-mandat odjern huwa indispensabbli.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tal-24 ta' Marzu 2025, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat bi żmien prefiss biex iwieġeb u fejn appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-udjenza tad-9 ta' April 2025.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**risposta** tal-intimati ppreżentata fit-2 ta' April 2025, li tgħid hekk:

1. *Illi permezz tat-talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti, tippretendi li għandha l-jedd li żżomm lill-esponent milli jagħmel xogħolijiet konsistenti (i) fl-iżvilupp ta' taraġ u fetħa li tagħti għal fuq proprjetà esklussiva tas-soċjetà rikorrenti u ċioè dik li huma jsejħu bħala 'triq privata' magħrufa bħala Defranco Alley b'aċċess minn Triq is-Sajjieda, Il-Marsa; u (ii) li l-esponent jippermetti li jitħallew oġġetti, makkinarju jew vetturi li jingombraw it-triq msemmija. Is-soċjetà intimata ssejjes din il-pretenzjoni tagħha fuq l-allegazzjoni li permezz ta' att ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Bisazza tad-29 ta' Marzu 2017, hija akkwistat l-imsemmija triq bħala 'libera u franka'. Is-soċjetà rikorrenti tittenta ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha billi tgħid li fid-19 ta' Frar 2014, aktar minn sena ilu, kienet bagħtet ittra legali lill-esponent biex twissiħ kontra xogħlijiet li huwa kien legalment awtorizzat li jagħmel ai termini tal-permess ta' żvilupp PA/06819/23.*

2. *Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi t-talba proposta mis-soċjetà rikorrenti ma tista' qatt tirnexxi minħabba li huma karenti ż-żewġ elementi li huma meqjusa mill-liġi bħala ċentrali għall-akkoljiment ta' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni. Kif inhu risaput,"bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-hruġ*

*ta' mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba". (vide* ***Charles Mugliett vs Saviour Bonnici****, PA, 25/01/2005);*

4. *Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tfalli fuq l-eżami ta' jekk għandhiex* ***jedd prima facie x'jiġi mħares****. Dan għax l-allegazzjoni tal-istess soċjetà rikorrenti li akkwistat it-'triq privata' magħrufa bħala Defranco Alley b'aċċess minn Triq is-Sajjieda, Il-Marsa bħala 'libera u franka' mhijiex minnha (jekk mhux addirittura qarrieqa). Dan għal diversi raġunijiet:*

*4.1. Illi fil-kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dr Roberta Bisazza tad-29 ta' Marzu 2017, huwa dikjarat ċar li s-soċjetà rikorrenti akkwistat biss parti mis-sqaq li <u>"measures approximately one hundred and seventy-five square meters (175 sq ms)"</u> . Issa mill-qisien indikati fuq il-pjanta tal-Land Registry annessa mal-istess kuntratt, jirriżulta inkonfutabbilment li <u>l-mizura tal-isqaq kollhu hija 323 metru kwadru</u>, allura in ottima ipotezi għas-soċjetà rikorrenti, dak li hija akkwistat bħala liberu u frank kien biss biċċa mill-isqaq li l-esponent jisħaq hija il-parti li fir-ritratti annessa bħala "Dok C2" u "Dok C3" tiġi wara l-kanċell kbir tal-ħadid li hemm*

*4.2. Illi l-hekk imsejjħa 'triq privata' jew sqaq effettivament ma hija privata xejn għax hija miftuħa direttament għal fuq Triq is-Sajjieda, Il-Marsa, u fiha jipparkjaw kull manjiera ta' vetturi a piacere, tant ukoll li jidher li t-triq kienet ġiet asfaltata mill-Gvern ta' Malta fil-passat. Dan jidher ċar mir-ritratt anness bħala "Dok A";*

*4.3. Illi ankè li kieku stess l-isqaq kollu verament kien akkwistat mis-soċjetà rikorrenti, xortawaħda l-fatti juru ictu oculi li dan mhux liberu u frank iżda soġġett għal bosta servitù ta' fondi terzi, inkluż dak tal-esponent li ilu jgawdi d-dritt ta' apertura (bieb), taraġ u passaġġ minn fuq l-isqaq sa minn żmien immemorjali. Il-fatt li 'l ġewwa fl-isqaq hemm kanċell ftit qabel il-maħżen tas- soċjetà rikorrenti huwa indikattiv ferm ta' liema hija l-parti li akkwistat bħala verament libera u franka u tal-parti li ilha minn dejjem soġġetta għal drittijiet terzi.*

*Mela gialadarba d-dritt pretiż li s-soċjetà rikorrenti trid tittula permezz ta' dan il-mandat huwa bbażat fuq il-premessa li hija s-sid esklussiv tal-isqaq u li dan huwa kollu liberu u frank minn drittijiet ta' terzi, it-talba għandha ċertament tfalli għall-anqas fuq bażi ta' prima facie. Mad-daqqa t'għajn, huwa oltre milli ovvju li s-sqaq huwa gravat b'bosta servitujiet favur terzi,*

*inkluż l-esponent u hija bil-ferm qarrieqa d-dikjarazzjoni bil-ġurament minn naħa tas-soċjetà rikorrenti li s-sqaq huwa liberu u frank.*

5. *Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tfalli ukoll fuq l-eżami ta' jekk hijiex ser issofri* ***preġudizzju irrimedjabbli*** *jekk din it-talba għal ħruġ ta' mandat ma tiġix milqugħa, ġieli mfisser ukoll bħala t-test* ***jekk il-mandat hux neċessarju****. Ir-raġunijiet huma dawn:*

   *5.1. Kif jidher mir-ritratt anness "Dok B" li ttieħed fis-sena 2016 minn Google Maps, il-fond tal-esponent kien igawdi dritt ta' bieb, taraġ u aċċess għal fuq is-sqaq mertu tal-mandat de quo. Bix-xogħol li sar riċentament u qabel ma nħareġ il-mandat, dan it-taraġ tneħħa u sar xogħol ta' ri-livellar fl-intern tal-fond. Jekk xejn, b'dak li dar, kien hemm* ***diminuzzjoni tas-servitù*** *mhux aggravazzjoni!;*

   *5.2. Intant, si tratta ukoll ta'* ***fatto compiuto*** *għax meta saret it-talba għall-ħruġ tal-mandat, it-taraġ kien diġà tneħħa (vide ritratt anness bħala "Dok C") u kull xogħol li possibilment kien għadu qed isir kien limitat biss għall-intern tal-fond tal-esponent u li għalhekk, bl-ebda mod ma jikkonċerna lis-soċjetà rikorrenti. Meta hemm fatto compiuto, ma hemm xejn x'jiġi inibit u għalhekk it-talba għal ħruġ ta' mandat għandha tfalli. Dan ukoll għax meta hemm fatto compiuto, hemm argumenta b'saħħithom li l-mandat mhux meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorent;*

   *5.3. Illi mill-elementi kollha li tilmenta fuqhom is-soċjetà rikorrenti fir-rikors tagħha* ***ma hemm xejn li jħalli effetti permanenti fuq l-isqaq****, tant li apparti t-tneħħija tat-taraġ (li allura huwa tnaqqis tas-servitu jekk xejn kif appena sottomess), il-preżenza ta' bieb kienet hemm minn dejjem ta' dejjem (****qui continuat non attentat****) u allura ma sar l-ebda disturb tal-istatus quo[1], u mill-bqija, xi xogħol ieħor li seta' sar kien biss fl-intern tal-fond tal-esponent. Għalhekk, lanqas ma hemm xi riskju ta' preġudizzju irrimedjabbli jekk il-mandat ma jintlaqax.*

6. *Illi in konklużjoni, huwa ċar li s-soċjeà rikorrenti qed tabbuża mill-proċedura tal-mandat kawtelatorju biex tintimida u tivvessa lill-esponent bl-għan aħħari li jċedi d-dritt ta' aċċess u passaġġ mill-isqaq li l-fond tiegħu ilu jgwadi minn dejjem. Jekk verament temmen li hija xtrat l-isqaq kollu bħala liberu u frank, ma hemm xejn x'iwaqqaf lill-istess soċjetà rikorrenti li taġixxi*

---

[1] "Moreover, for the principle *qui continuat non attentat* to apply, the person must actually be maintaining the *status quo* and acting strictly within the limits of the right or of the possession that he actually enjoys, and not enlarging upon that right or upon that possession" (*The Police vs Jane Deguara*, Court of Criminal Appeal, dec. 05/12/2003).

*"Attentare non dicitur is, qui facit actum continuativum, hoc et, qui continuat actum antecedentem; quia lia non debet quemquam sua possessione privare, neque tenetur quis dimittere jus suum, o desistere a continuatione juris sui, aut possessionis propter litem supervenientem"*

*in petitorju għall-konferma ġudizzjarja tal-allegat dritt tagħha imma kif hija ċertament taf, il-grad tal-prova hemm huwa ħafna għola u għalhekk bir-raġun, tibża' li tfalli. Għalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex tinoltra ruħha fil-materja u tħalliha biex tiġi deċiża f'kawża petitorja jekk is-soċjetà rikorrenti tqis li għandha hekk taġixxi fil-futur.*

*7. Illi a bażi ta' dawn ir-raġunijiet it-talba tas-soċjetà rikorrenti għandha tiġi miċħuda.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà rikorrenti.*

Rat ir-Rikors b'urġenza tas-soċjeta' rikorrenti tas-26 ta' Marzu 2025 u r-risposta għall-istess da parti tal-intimat tat-2 ta' April 2025 u d-digriet tal-Qorti li permezz tiegħu rriżervat illi tipprovdi mad-digriet finali odjern.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-rikorsi tħallew għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi s-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi hija sid ta' Defranco Alley li jiżbokka fi Triq is-Sajjieda l-Marsa, u dan wara illi akkwistatu permezz ta' kuntratt pubbliku tad-29 ta' Marzu 2017 fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza.

Illi mill-imsemmi kuntratt (DOK A) jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti akkwistat store "*situated in Marsa with an entrance onto Defranco Alley previously an unamed Alley that abuts onto Fisherman Street, <u>which alley is also included in this sale</u> and measures approximately one hundred and seventy five square meters (175sqm).*" *.......... The <u>Store and alley</u> are free and unencumbered with all their rights and appurtenances. ............ the property is being sold by the vendor to the purchaser as free and unencumbered from all encumbrances, burdens, hypothecs and privileges and <u>free from all rights both real and personal and of whatever nature in favour of third parties</u>*.

Illi mill-pjanta annessa mal-istess kuntratt mbagħad jirriżulta illi l-*alley* in kwistjoni għandu fil-fatt kejl ta' 267.7 metri kwadri.

Illi s-soċjeta' rikorrenti ssostni illi bix-xogħolijiet li qed jitwettqu mill-intimat, skont il-permessi minnu ottenuti mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, huwa "*qiegħed <u>jaggrava diversi servitujiet</u> u/jew ħloqt servitujiet <u>ġodda</u> fuq l-isqaq in kwistjoni, inter alia, billi ftaħt numru ta' aperturi għal fuq l-isqaq b'mod illegali u għal darb'ohra mingħajr il-kunsens tal-kumpannija*" – kif jirriżulta mill-ittra legali tad-19 ta' Frar 2024 aktar milli mir-rikors innifsu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi a skans ta' ripetizzjoni, peress illi r-risposta tal-intimat ġiet hawn fuq riprodotta, qed jingħad biss illi l-intimat isostni, anke fit-trattazzjoni tiegħu, illi l-jedd pretiż mis-soċjeta' rikorrenti ma jeżistix peress illi dak li akkwistat is-soċjeta' rikorrenti bil-kuntratt ma jinkludix dik il-parti tal-*alley* fejn hemm il-proprjeta' tal-intimati, u jagħti bħala raġunijiet għal dan (a) il-fatt illi l-kuntratt jistabilixxi kejl ċar ta' 175mk meta skont il-pjanta il-kejl tal-*alley* huwa ferm aktar, u kif ukoll (b) il-fatt illi bil-kuntratt imsemmi s-soċjeta' rikorrenti akkwistat "*free and unencumbered*" meta in effetti huwa ben stabbilit illi fuq l-*alley* de quo hemm servitujiet illi ilhom jeżistu minn ferm qabel id-data tal-kuntratt.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi skont l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12**, l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-**Artikolu 873(2) tal-Kap12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewġ elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) Fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża **Grech pro et noe vs Manfre`**[2] qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħruġ tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħruġ tal-Mandat ikun miċħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċiżat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-ħruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

---

[2] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi din il-Qorti trid tibda biex tgħid illi ma tqisx illi l-jedd pretiż mis-soċjeta' rikorrenti ġie ppruvat fil-grad rikjest mil-liġi. Dan qed jingħad peress illi filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti qed tibbaża l-prova tagħha esklussivament fuq il-kuntratt hawn fuq ċitat, ossia dak tad-29 ta' Marzu 2017 (DOK A), il-Qorti tħoss illi dak l-istess kuntratt ma jagħtix wisq komfort lis-soċjeta' rikorrenti fil-pretensjoni minnha mressqa.

Fl-ewwel lok irid jingħad illi hemm diskrepanza fil-kejl tal-*alley* minn dak hekk kif dikjarat bil-kitba fil-kuntratt (175mk) għal dak il-kejl tal-istess *alley* kif dikjarat fuq il-pjanta annessa mal-istess kuntratt (267.7mk). Illi dan ċertament ma jgħinx lill-Qorti tikkonkludi illi mad-daqqa t'għajn l-*alley* huwa proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti u diffiċli tassew illi l-Qorti tikkonkludi illi l-bieb tal-proprjeta' tal-intimat huwa miftuħ fuq parti mill-alley hekk akkwistata mis-soċjeta' rikorrenti.

Fit-tieni lok imbagħad, il-Qorti tqis anomalu kif skont il-kuntratt l-*alley* ġie akkwistat mill-kumpannija "*free and unencumbered*", u "*free from all rights both real and personal and of whatever nature in favour of third parties"* - imma fl-istess nifs mbagħad is-soċjeta' rikorrenti qed tilmenta minn azzjonijiet tal-intimat illi "*taggrava diversi servitujiet u ..ħloqt servitujiet ġodda*". Dan id-diskors jista' biss ifisser illi ġja kien hemm servitujiet, liema servitujiet huma rikonoxxuti mis-soċjeta' rikorrenti.

Ċertament illi dawn l-anomaliji naxxenti mill-provi mressqa mill-istess soċjeta' rikorrenti jmorru biss biex idgħajjfu l-pretensjoni tagħha, u għalhekk il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova, fil-grad li trid il-liġi, il-jeddijiet li

qed tippretendi illi għandha. Il-Qorti tqis illi s-soċjeta' rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova illi għandha l-jeddijiet minnha pretiżi fil-grad li trid il-liġi.

Ċertament illi kwalsiasi evalwazzjoni oħra hija għalhekk superfluwa peress illi ġjaladarba illi wieħed mill-elementi għal-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa nieqes, allura l-Qorti ma għandhiex għażla oħra għajr illi tiċħad it-talba.

In kwantu għar-rikors b'urġenza tas-soċjeta' rikorrenti tas-26 ta' Marzu 2025, fejn ġie allegat illi minkejja l-ordni provviżorja tal-Qorti u minkejja illi l-intimat ġie debitament notifikat biha, huwa kompla għaddej bix-xogħolijiet tant illi huwa ħaffer tliet filati u konsegwentement tkabbret il-fetħa għal fuq l-*alley*, l-intimat jirrispondi fit-2 ta' April 2025 u jsostni illi sakemm kien ġie notifikat bl-atti, l-intimat ġja kien neħħa t-tliet filati msemmija.

Il-Qorti bdiet biex osservat illi l-intimat kien personalment debitament notifikat nhar l-24 ta' Marzu 2025. Ma jirriżultax ħin tan-notifika.

Il-Qorti osservat ir-ritratti esebiti mar-rikors promotur li minnhom jirriżulta illi t-tliet filati kienu għadhom ma tneħħewx. B'danakollu dawn ir-ritratti (DOK D a fol 24) ma jġibux data ta' meta ttieħdu, iżda żgur illi ttieħdu fil- jew qabel l-24 ta' Marzu 2025, id-data tal-preżentata tar-rikors għal-ħruġ tal-Mandat.

Osservat ukoll ir-ritratti esebit mis-soċjeta' rikorrenti mar-rikors bl-urġenza tagħha, illi jġibu d-data tas-26 ta' Marzu 2025, minn fejn jirriżulta illi t-tliet filati kienu tneħħew. Sa hawnhekk, il-Qorti hija propensa tifhem illi saru x-xogħolijiet da parti tal-intimat wara li kien notifikat bl-atti, inkluż bid-digriet sabiex iwaqqaf ix-xogħolijiet.

B'danakollu, il-Qorti osservat ukoll ir-ritratt esebit mill-intimat mar-risposta tiegħu, (fol 47) minn fejn jirriżulta illi x-xogħolijiet ta' tneħħija tal-filati kienu saru fl-24 ta' Marzu 2025 għaliex ir-ritratt huwa meħud fl-24 ta' Marzu 2025, appuntu l-ġurnata illi l-intimat kien notifikat bid-digriet. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni ta' ħin

meta l-intimat ġie notifikat – ftit il-Qorti tista' ssib u tkun ċerta illi x-xogħolijiet saru wara n-notifika.

Osservat ukoll ir-ritratt ulterjuri esebit mis-soċjeta' rikorrenti bin-nota tat-28 ta' Marzu 2025, ritratt meħud fis-27 ta' Marzu 2025 u li jindika illi issa kien tlesta l-madum fuq ġewwa tal-fond tal-intimat appuntu mal-fetħa fuq l-*alley*. Il-Qorti trid tfakkar illi t-talba magħmula fir-rikors promotur kienet speċifika, fis-sens ta' "*żvilupp ta' taraġ u fetħa*" fuq l-*alley*.

Għalhekk il-Qorti, filwaqt illi tieħu b'serjeta' kbira każijiet ta' ksur ta' ordnijiet tagħha, f'dan il-każ ma tistax tikkonkludi illi s-soċjeta' rikorrenti għandha raġun, fl-ewwel lok peress illi mir-ritratti esebiti ma jirriżultax illi l-fetħa saret wara illi l-intimat ġie notifikat bid-digriet, u fit-tieni lok peress illi l-madum mqiegħed fil-fond tal-intimat ma kienx xogħol prekluż milli jsir bid-digriet proviżorju peress illi ma kienx xogħol deskritt fit-talba tas-soċjeta' rikorrenti hekk milqugħa proviżorjament.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi :

a) **tirrevoka** contrario imperio d-digriet tagħha tal-24 ta' Marzu 2025 safejn il-Mandat kien intlaqa' b'mod provviżorju, u

b) **ticħad** it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni b'mod definittiv kif mitlub, u

c) **tiċħad** it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti mressqa bir-rikors b'urġenza tas-26 ta' Marzu 2025.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Mogħti *in camera* illum, it-Tnejn l-14 ta' April, 2025.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**